

- (4) Ir-raba' motiv, ibbażat fuq l-argument li l-eċċezzjoni "privatezza u integrità tal-persuni", li tinsab fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tar-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti tal-Eurojust, għet applikata b'mod żbaljat.

Eurojust la sostna u lanqas argumenta li d-dokumenti mitluba fihom informazzjoni personali dwar terzi. Barra minn hekk, is-simplici fatt li dokument ikun fih data personali ma jimplikax neċessarjament preġudizzju għall-ħajja personali jew għall-integrità tal-persuna. Id-dikjarazzjonijiet eventwali ta' uffiċjali, li ma jsirux f'kapaċità personali, ma jstgħu febda każ jikkostitwixxu raġuni sabiex ma tiġix żvelata l-informazzjoni mitluba.

Sa fejn huma implikati l-integrità u l-privatezza ta' persuna, il-Eurojust kien imissu eżamina jekk u sa fejn id-dokumenti mitluba — jekk meħtieġ f'verżjoni kunfidenzjali tagħhom jew parzjalment — setgħux xorta waħda jiġu kkomunikati. Il-Eurojust lanqas ma wettaq dan l-eżerċizzju u dan l-aġir ma huwiex ġustifikat.

- (5) Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-argument li l-eċċezzjoni "effetti tar-regoli applikabbli fil-każ ta' ksur tas-sigriet professjonali", li tinsab fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tar-regoli dwar l-aċċess għal dokumenti tal-Eurojust, għet applikata b'mod illegali.

Ir-riferiment għal din l-eċċezzjoni ma huwiex motivat. Ir-rikorrenzi jsostnu li ma għewx informati dwar liema regoli dwar il-kunfidenzjalità huma applikabbli u jikkontestaw il-fatt li japplikaw regoli dwar l-aċċess li jipprekludu l-komunikazzjoni tad-dokumenti mitluba.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' April 2013 — dm-drogerie markt vs UASI — V-Contact (CAMEA)**

(Kawża T-195/13)

(2013/C 171/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenzi: dm-drogerie markt GmbH & Co. KG (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Beinert u O. Bludovsky, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: V-Contact Kft (Szada, l-Ungerija)

**Talbiet tar-rikorrenzi**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni),

tas-17 ta' Jannar 2013 (Appell dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru R 452/2012-1) u, bħala korrezzjoni, tħassar it-trade mark tal-applikant;

— sussidjarjament tannulla d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-17 ta' Jannar 2013 (Appell dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru R 452/2012-1) u, tirrinvidia l-każ lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni;

— sussidjarjament tannulla d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tas-17 ta' Jannar 2013 (Appell dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni Nru R 452/2012-1).

**Motivi u argumenti prinċipali**

Applikant għat-trade mark Komunitarja: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "CAMEA" għal, *inter alia*, prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 16 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 9 279 928

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenzi

Trade mark jew sinjal invokat: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika, *inter alia*, l-Unjoni Ewropea u li tkopri prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 8

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' April 2013 — Nanu-Nana Joachim Hoopp vs UASI — Stal Florez Botero (la nana)**

(Kawża T-196/13)

(2013/C 171/59)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenzi: Nanu-Nana Joachim Hoopp GmbH & Co. KG (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Boddien, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Lina. M. Stal-Florez Botero (Maarsen, il-Pajjiżi l-Baxxi)